**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1181/2019 AF**

**Angelo Paolini**

**vs**

**Justin Haber**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attur Angelo Paolini, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

In forza ta' skrittura privata datata 11 ta' April 2018, l-intimat iddikjara ruhu debitur cert, likwidu, u dovut a favur tal-attur fis-somma ta' €80,000 in konsiderazzjoni tat-terminazzjoni tal-kirja tal-fond bl-isem "Principino" gja "Acquapazza", ufficjalment numerat 143-144, Xatt is-Sajjieda, f'Marsaxlokk li tieghu l-istess attur kien inkwilin dak iz-zmien flimkien ma' terzi, kif ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-intimat seta' jiehu l-pussess u jibda jopera l-istess fond.

Fuq tali skrittura, dehru mhux biss il-partijiet izda dehru wkoll is-sidien tal-fond, liema skrittura datata 11 ta' April 2018 hi annessa ma' dan ir-rikors guramentat u mmarkata bhala Dok. A.

Tali somma komplessiva ta' €80,000 kellha tithallas skond rati maqbula bejn il-partijiet fl-istess skrittura.

L-intimat ma zammx mal-obbligi tieghu, u baqa' moruz ghas-somma ta' €27,000 rapprezentanti l-bilanc tal-pagamenti dovuti a favur tal-attur.

Minkejja l-ittra ufficcjali datata 16 ta' April 2019 mibghuta u debitament notifikata, fejn l-istess gie interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut li kellu sa dakinhar, huwa baqa' inadempjenti minkejja li ghaddew hmistax-il gurnata minn tali notifika, u dana kif provdut skond l-istess skrittura, liema ittra hi annessa u mmarkata bhala Dok. B ma' dan ir-rikors guramentat.

Allura jsegwi illi l-intimat iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-ammont bilancjali ta' €27,000 ghadu dovut lill-attur.

Ir-rikorrent Angelo Paolini qieghed bil-gurament tieghu jiddikjara illi fil-fehma tieghu l-konvenut m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba attrici tieghu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi li tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tordna d-dispensa mis-smiegh tal-kawza b’applikazzjoni tal-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent huwa kreditur tal-konvenut ghas-somma ta’ €27,000 rapprezentanti l-bilanc rimanenti minn somma akbar ta’ dejn cert, likwidu, u li ghalaq in konsiderazzjoni tat-terminazzjoni tal-kirja in kwistjoni.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas ir-rikorrent is-somma hawn fuq indikata ta’ €27,000.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 16 ta’ April 2019 (Ittra Ufficcjali Numru 1440/19) u kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru u tal-mandat ta’ qbid fl-ismijiet premessi li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, kif ukoll bl-imghax legali dekorribbli mis-16 ta’ April 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat, li hu ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-konvenut Justin Haber, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-tieni talba hija opposta stante li l-ammont dovut huwa anqas minn dak pretiz mill-attur u l-hlas tieghu ma sarx ghaliex ma hemmx qbil fuq l-istess ammont kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kaz.

Kif jirrizulta wkoll mill-ittra ufficcjali annessa mal-istess rikors promotur bhala “Dok. B” l-ammont mitlub mill-attur huwa ta’ €22,500 u mhux €27,000 kif pretiz mill-attur fir-rikors guramentat.

Oltre minn hekk, l-attur ghandu dejn cert likwidu u dovut ma’ terza persuna fl-ammont ta’ €10,000 liema dejn kien qed jigi

saldat mill-konvenut ghan-nom tal-istess attur u ghaldaqstant l-ammont ta' €10,000 ghandhom jitnaqqsu mill-ammont indikat fl-ittra ufficcjali biex b'hekk jifdal bilanc ta' €12,500.

Il-konvenut kien dejjem dispost li jhallas dan l-ammont ta' €12,500.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi in forza ta' skrittura privata tas-16 ta' Marzu 2016 l-attur u Carmelo Di Masi qablu u ftehmu illi jikru l-fond bl-isem "Principino" gia "Aquapazza", li jinsab fl-indirizz 143-144, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.

Bi ftehim privat tal-11 t'April 2018 l-attur u Di Masi daħlu fi ftehim mal-konvenut fejn qablu li jċedu l-kirja tal-imsemmi fond favur l-attur in konsiderazzjoni ta' liema l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-attur is-somma ta' €80,000 tant illi fuq l-istess att il-konvenut iddikjara ruħu vera, ċert u likwidu debitur tal-attur. Fuq l-istess ftehim il-partijiet fasslu wkoll skaletta ta' pagamenti bl-ewwel pagamanet fis-somma ta' €15,000 li tħallas dak inhar stess tal-ftehim u l-aħħar pagament fis-somma ta' €10,000 miftiehem illi jiġi effettwat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2019.

L-attur xehed illi l-konvenut kien moruż fil-pagamenti tant illi għad fadallu jħallas bilanċ fis-somma ta' €27,000. Huwa kompla jixhed illi għalkemm il-konvenut għaddielu tlett ċekkijiet fis-somma ta' €2,000, €5,000 u €10,000 rispettivament, dawn baqgħu ma setgħux jissarrfu. Xehed ukoll illi l-konvenut kien għadda wkoll *cheque* lil terz sabiex jissalda debitu tal-attur mat-

terz biss lanqas dan ic-*cheque* fis-somma ta' €10,000 ma seta' jissarraf.

Il-konvenut ikkontesta t-talbiet attriċi u waqt illi ammetta li għad fadallu jħallas bilanċ fis-somma ta' €12,500, xehed illi ebda ammont ulterjuri ma huwa minnu dovut. Il-konvenut ammetta illi ċ-ċekkijiet indikati mill-attur ma ssarfux għar-raġuni li ma kellux flus. Xehed ukoll illi għamel diversi pagamenti fi flus kontanti ammontanti dawn għas-somma komplessiva ta' €67,500 b'tant illi l-bilanċ li għad irid jitħallas huwa fis-somma ta' €12,500.

Il-Qorti tibda billi tirrimarka li hemm ħafna x'wieħed jgħid dwar il-mod ta' kif sar dan in-negozju u kif kienu qegħdin isiru l-pagamenti. Tgħid dan mhux biss għaliex il-ħlas kien qiegħed isir fi flus kontanti u mingħajr ma titħalla d-debita riċevuta iżda wkoll għaliex il-konvenut indaħal sabiex iħallas somom lil terzi għan-nom tal-attur flok illi ssalda d-dejn tiegħu mal-attur u ħalla lill-attur iħallas għad-djun tiegħu.

F'dan il-każ il-Qorti qed tara li in atti ġiet reġistrata ammissjoni da parti tal-attur fejn jgħid li għad għandu jagħti is-somma ta' €12,500 u dwar dan ma sar ebda kontro-eżami. In oltre, il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar il-veraċità u l-kredibilità tax-xhieda *sia* dik tal-attur kif ukoll dik tal-konvenut. Madanakollu, *essendo* l-ammissjoni inkontestata tal-konvenut, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talba limitatament sal-ammont li ġie ammess.

L-attur talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll dawk marbuta mal-ittra uffiċjali bin-numru 1140/19 u tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet preżenti li ġie preżentat kontestwalment mal-att promotur. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li in atti ġiet esebita biss kopja fotostatika tal-ittra uffiċjali waqt illi ma tirriżultax lanqas imqar kopja fotostatika tal-imsemmi mandat. Għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad din il-parti tat-talba attriċi.

Ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' t-talbiet attriċi limitatament u dan billi tiddikjara lill-konvenut kreditur tal-attur għas-somma ta' tnax-il elf u hames mitt Ewro (€12,500) u tikkundannah iħallas l-ammont likwidat, u

2. Tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG